# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2021**

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 5/2021 ISB**

**Wara l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1567/2020MH fl-ismijiet:**

**(i) Maddalena Adamini (detentrici tal-Karta tal-Identita` numru AV0261038 fil-kapacita' taghha ta' l-uniku eredi universali ta' Giorgio Mario Cepollina (detentur tal-karta tal-identita` Taljana numru AO8884933) hekk kif debitament rapprezentata mill-Mandatarju Specjali taghha l-Avukat Louis Cassar Pullicino (detentur tal-karta tal-identita` numru 441061(M) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta VLT 1455, Malta, u**

**(ii) EMCS International Services Limited (C25114)**

**Vs**

**(i) Schooner Finance Limited (C42091)**

**(ii) Kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Bluemoon Associates LLC, kumpannija estera inkorporata taht il-ligijiet ta' Delaware, u registrata taht l-indirizz Harvard Business Services Inc, 301, East 78th Street, Suite 24-11, New York NY0021, United States of America, bin-numru tar-registrazzjoni NY12231-0001;**

**(iii) Kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Konfida Consulting SA, kumpannija estera inkorporata taht il-ligijiet ta' Svizzera, u registrata taht l-indirizz VIA Serafino Balestra, 10, 6900, Lugano, Switzerland;**

**(iv) Marco Domenico Romano, detentur tal-karta tal-identita` Taljana b'numru CA11268FY; u**

**(v) Lucrezia Piaggio, detentrici tal-karta tal-Identita' b'numru ID118812A**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-Rikors** tal-21 ta' Jannar 2021 pprezentat ai termini tal-Artiklu 836 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn **Schooner Finance Limited** (C42091), **Lucrezia Piaggio**, detentrici tal-karta tal-Identita' b'numru ID118812A u l-Avukat Franco Galea (karta tal-identita` numru 402281M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' **Bluemoon Associates LLC** NY12231-0001, **Konfida Consulting SA**, u **Marco Domenico Romano**, KI Nru CA11268FY, kif debitament awtorizzat, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi fl-istess rikors talbu illi din il-Qorti joghgobha:

*1. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni 1567/2020MH fl-ismijiet premessi fl-atti ta' dan ir-rikors;*

*2. Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1567/2020MH fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artiklu 836 subinciz (1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 836 subinciz (8) u (9) tal-KAP 12 fil-konfront tal-intimati; u*

*4. Alternattivament jekk it-talbiet ma jintlaqghux fl-intier taghhom, tordna lill-intimati jaghtu garanzija idoneja fil-ligi sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes u d-danni li qed isofru r-rikrorenti.*
*Bl-ispejjes kontra l-intimati.*

Rat **ir-Risposta** mressqa fis-17 ta' Gunju 2021 minn **Maddalena Adamini** (detentrici tal-Karta tal-Identita` numru AV0261038 fil-kapacita' taghha ta' l-uniku eredi universali ta' Giorgio Mario Cepollina (detentur tal-karta tal-identita` Taljana numru AO8884933) hekk kif debitament rapprezentata mill-Mandatarju Specjali taghha l-Avukat Louis Cassar Pullicino (detentur tal-karta tal-identita` numru 441061(M) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta VLT 1455, Malta, u **EMCS International Services Limited (C25114);**

Rat l-atti ta' din il-procedura;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1567/2020, allegati kif degretat fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2021;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri;

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2021, il-procedura thalliet ghal digriet *in camera* kif in effetti qed jinghata illum.

Ikkunsidrat:

**<u>L-Isfond:</u>**

Fil-qosor, din il-proceduri ssegwi proceduri b'rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni datat 9 ta' Novembru 2020 mressaq minn Maddalena Adamini kontra l-hawnekk rikorrenti, liema Mandat ta' Inibizzjoni kien inizjalment milqugh provvizorjament u sussegwentament b'mod definittiv fis-16 ta' Dicembru 2020.

Illi b'dan l-ahhar digriet, fejn intlaqghet ir-raba' talba mressqa fir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, l-hawnekk rikorrenti, u cioe`, *Romano, Piaggio jew Bluemoon Associates LLC, u kwalunkwe wiehed jew wahda minnhom*, jinsabu inibiti *milli jsejhu kwalunkwe laqgha ohra tal-azzjonisti ta' Schooner fil-futur pendenti l-proceduri giudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti, senjatament ir-rikors 71/2020 fl-ismijiet premessi* u dan ghar-ragunijiet moghtija mill-Qorti f'dak l-istess digriet.

**<u>Illum:</u>**

Illum l-odjerni rikorrenti qeghdin iressqu erba' talbiet, kif fuq elekati u cioe`:

*1. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni 1567/2020MH fl-ismijiet premessi fl-atti ta' dan ir-rikors;*

*2. Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1567/2020MH fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artiklu 836 subinciz (1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 836 subinciz (8) u (9) tal-KAP 12 fil-konfront tal-intimati; u*

*4. Alternattivament jekk it-talbiet ma jintlaqghux fl-intier taghhom, tordna lill-intimati jaghtu garanzija idoneja fil-ligi sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes u d-danni li qed isofru r-rikrorenti.*

**<u>Dwar l-ewwel talba</u>**, f'dan id-digriet camerali din il-Qorti ser tastjeni milli tippronunzja ruha in kwantu illi fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2021, id-difensuri kollha tal-partijiet qabblu illi l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1567/20MH kellhom jigu allegati, u l-Qorti ordnat li jsir hekk diga' b'digriet f'dik l-udjenza, tant illi ghal finijiet ta' dan id-digriet, din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-istess.

**In vista tal-premess, il-qorti qeghda tastjeni mill-<u>ewwel talba</u> maghmula.**

**<u>Dwar it-tieni talba</u>**, fejn qed jintalab ir-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni su-riferit, ir-rikorrenti odjerni jaghmlu referenza fit-talba taghhom ghall-**Artiklu 836 sub-inciz (1)(f) tal-KAP 12**.

**Ikkunsidrat :**

Fi procedura ta` din ix-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi l-qorti li tkun trid taghti provvediment ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li tkun ghad tigi trattata jew tkun qed tigi hekk

trattata quddiemha u tkun trid tigi deciza minnha fil-waqt opportun wara li jkunu nstemghu l-provi kollha. Ghalhekk, m`ghandha taghmel ebda konsiderazzjoni li tixref jew li tolqot il-mertu izda ghandha tillimita ruhha ghal ezami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ggib il-parti li tkun qeghda titlob ir-revoka *in toto jew in parte* tal-Mandat.[1]

Il-qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji ewlenin:

a) illi d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b`leggerezza;

b) illi huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti[2].

Issa skont l-**Art 836(1)(f) tal-Kap 12**, ikun hemm lok ghar-revoka *in toto* **jew** *in parte* tal-Mandat:

*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Din il-qorti diversament presjeduta[3] tat tifsira preciza ta` din id-disposizzjoni:

*"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[4].*

*Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m`għadux il-każ"*

Gie ulterjorment stabbilit illi:
*Biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo.[5]*

Mela ghandu jkun pacifiku jinghad illi din il-Qorti tista' tapplika l-provvediment tal-artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12 jekk jigi ppruvat mir-rikorrenti illi kien hemm **bdil fic-cirkostanzi** li abbazi taghhom ikun inhareg il-Mandat skont il-kawzali li tkun indikata fil-Mandat li jirrendu l-istess Mandat mhux aktar ragonevoli jew gustifikabbli in toto jew in parte. Dan il-**bdil fic-cirkostanzi** jrid jintwera illi sehh **wara** d-data tal-hrug tal-Mandat.

Il-Qorti ikkunsidrat ulterjorment il-premessi/aggravji li r-rikorrenti odjerni qed isejjsu t-talba taghhom fuqha, li in succinct jistghu jigu mibgura hekk:

[1] **Conrad Borg vs De La Rue Currency Print Limited et** 15.07.2018; u **Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et** 10.05.2021
[2] **Mercieca vs Galea** 29/11/2001; **Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited** 05/06/2007
[3] **Spiteri v Darmanin** 25.08.2010
[4] **Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et 03.08.2001**
[5] **Pace et vs Camilleri et** 04.02.2016

- Fl-ewwel lok illi r-rikorrenti jsostnu illi d-digriet tas-16 ta' Dicembru 2020 jonqos milli jitratta eccezzjonijiet sollevati mill-esponenti, jekk hux interess giuridiku, legittimu kontradittur jew insostenibilita' tal-procedura adottata.

- Fit-tieni lok illi jsostnu illi minn mkien ma gie ppruvat id-dritt prima facie li l-intimati qed ifittxu li jikkawtelaw permezz tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

- Fit-tielet lok illi jsiru numru ta' riferenzi ghal avvenimenti li sehhew, liema avveniment kollha sehhew qabel il-Mandat u ma ssirx riferenza, mqarr wahda, ghal xi allegat avveniment wara l-hrug tal-Mandat li jista', b'xi mod, iwassal lil din il-Qorti tikkunsidrah bhala bdil fic-cirkostanzi.

- Fir-raba' lok illi ssir l-allegazzjoni illi l-Mandat mitlub u ottenut u li tieghu qed tintalab ir-revoka, sar b'reazzjoni ghal Mandat iehor li kien maghmul mir-rikorrenti, degretat f'Awissu 2020, imma allura ukoll minghajr referenza ghal xi avveniment jew cirkostanzi li sehhet wara l-hrug tal-mandat de quo, anzi, specifikament qabel.

Illi ssib illi l-intimati ghandhom ragun ighidu illi "*r-rekwizit ghal bidla fic-cirkustanzi huwa monk u ma ngabet ebda prova mir-rikorrenti tat-tali bidla*".

Illi jrid jinghad ukoll illi din il-procedura ai termini tal-artiklu 836 tal-KAP 12 tista' f'certu sens titqies bhala procedura ta' revizjoni ta' dak deciz mill-istess Qorti fid-digriet taghha ghar-rikors ghall-hrug ta' Mandat, b'dana kollu tali revizjoni, jekk wiehed irid isejhilha hekk, trid dejjem issir fil-parametri ta' dak li trid l-istess ligi.

Huwa ghalhekk giust illi din il-procedura ai termini tal-artiklu 836 ma tistax tintuza b'mod legger u miftuh bhala mezz ta' apprezzament mill-gdid tal-provi jew sottomissjonijiet maghmula fl-atti tal-Mandat inniffsu, imma biss, fil-parametri tal-provvedimenti tal-ligi, ezercizzju sabiex jigi determinat jissussistux r-rekwiziti tal-artiklu 836 b'mod illi l-Qorti tasal ghar-revoka in toto jew in parte tad-digriet li bih Qorti tkun ordnat il-hrug ta' Mandat kawtelatorju.

Huwa pacifiku jinghad illi bil-gurisprudenza (li anke din il-qorti tabbraccja) gie stabbilit li m'huwiex kompitu taghha fi procediment ta` din ix-xorta li tiskonfina fil-mertu tal-vertenza li qeghda tigi trattata fil-kawza li hija stess qeghda tismà (71/2020ISB) – anke jekk saru xi asserzjonijiet u/jew allegazzjonijiet fir-rigward fir-rikors odjern.

Irid jinghad u jigi emfasizzat illi:

*Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti.*
*Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh.*

*Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz.*[6]

In linea ma' dan ir-ragunament ghalhekk, il-qorti jidhrilha li dak mehtieg li jigi ppruvat ghall-fini tà din id-disposizzjoni huwa **<u>bdil fic-cirkostanzi</u>** li jirrendu l-Mandat mhux aktar ragonevoli jew gustifikabbli, liema **<u>bdil fic-cirkostanzi</u>** jrid jintwera illi avvera ruhu **<u>wara</u>** d-data tal-hrug tal-Mandat.

B'dana kollu, mill-fatti u c-cirkostanzi li ngiebu a konjizzjoni taghha, din il-qorti tikkonkludi illi ma tirrizulta **<u>l-ebda bidla fic-cirkostanzi</u>** li fuqhom hareg il-Mandat li tista` twassalha biex tghid illi l-Mandat mhuwiex aktar ragonevoli jew gustifikat li jibqa` fis-sehh, in toto jew in parte, skont is-subartikolu (1)(f) tal-Art 836.

Ghalhekk, fil-kaz tal-lum, il-qorti ma ssibx li r-ragunijiet mir-rikorrenti fir-rikors taghhom jikkostitwixxu bdil fic-cirkostanzi li jaghmlu r-revoka in parte tal-Mandat ragjonevoli jew gustifikabbli.

**In vista tal-premess, il-qorti qeghda tichad <u>t-tieni talba</u> maghmula.**

**Dwar it-tielet talba**, cioe`, dik biex il-qorti t*applika d-dispozizzjonijiet tal-**artiklu 836 subinciz (8) u (9) tal-KAP 12** fil-konfront tal-intimati, din il-qorti ghanda s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel.*

Is-subartikolu **(8) tal-Art 836** jaghti lill-qorti **<u>diskrezzjoni</u>** li timponi penali kontra l-ezekutant illi jkun talab u kiseb il-hrug ta` mandat kawtelatorju kontra l-ezekutat. Din id-diskrezzjoni hija ezercitabbli jekk jirrizultaw ippruvati erbà cirkostanzi skont kif indikat fil-paragrafi (a) sa (d) tal-istess disposizzjoni. Huwa bizzejjed jekk tigi ppruvata mqar cirkostanza wahda.

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tistà taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta` din, b`piena ta` hlas ta` penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f`dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi izda bizzejjed li tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tistà taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista` biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f`kazijiet estremi fejn is-sens ta` gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda tà ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b`abbuz.*[7]

---

[6] **Spiteri vs Camilleri,** 30 ta` Mejju 2002, **Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona**, 3 ta` Awissu 2001
[7] **Jamar Malta Ltd vs office Group Ltd** 10 ta` Awissu 2012

Il-hsieb wara s-subartikolu (8) huwa tà ordni pubbliku mmirat sabiex jaccerta serjetà fil-process gudizzjarju kif ukoll illi ma jippermettix abbuz fl-uzu tal-istitut tal-mandati kawtelatorji.[8]

Mir-rikors u mill-atti ma jirrizultax li r-rikorrenti iccitaw that liema mill-erba' kawzali msemmija fis-sub-artiklu (8) tal-artiklu 836 tal-KAP 12 qeghdin isejsu l-pretnsjoni taghhom ghal hlas ta' penali. Lanqas ma ngiebet prova illi r-rikorrenti sofrew xi danni minhabba fil-Mandat ta' Inibizzjoni milqugh fis-16 ta' Dicembru 2020 u ghalhekk il-Qorti ma tistghax tghaddi biex tilqa' din it-talba.

**In vista tal-premess, il-qorti qeghda tichad t-tielet talba maghmula.**

**Dwar ir-raba' u l-ahhar talba,** cioe`, sabiex *alternattivament jekk it-talbiet ma jintlaqghux fl-intier taghhom, tordna lill-intimati jaghtu garanzija idoneja fil-ligi sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes u d-danni li qed isofru r-rikrorenti,* il-qorti qed tifhem illi din it-talba qed issir ai termini tal-artiklu **838A tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artiklu 838A tal-KAP 12 ighid testwalment hekk:

*Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*

Kif gja kellha okkazjoni tesprimi ruha din il-Qorti diversament preseduta:

*Meta l-liġi tipprovdi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa ta' min ikun kiseb il-ħruġ favurih ta' Mandat kawtelatorju, min jagħmel it-talba għal garanzija bħal dik (il-persuna eżekutata li kontriha jkun inħareġ il-Mandat li jkun) irid juri tajjeb biżżejjed lill-Qorti li jkun hemm "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;*
*Illi hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat.*
*Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn.*[9]

[8] **Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe et** 17 ta` Gunju 2010
[9] **Jamar Malta Ltd vs office Group Ltd** 10 ta` Awissu 2012

Issa din il-Qorti ċaħdet talba tar-rikorrent ezekutat għat-tħassir tal-Mandat u ghalhekk sejra tistharreg din it-talba alternattiva mressqa mill-istess rikorrenti.

Irid qabel xejn jinghad illi d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Di piu`, illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni - l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha.

Fir-risposta taghhom, l-intimati ighidu illi r-rikorrenti qeghdin "*sempliciment jitolbu l-ghoti ta' garanzija xierqa ghall-ispejjes u d-danni li allegatament qeghdin isorfu*" – u l-Qorti tikkondividi dan, peress illi r-rikorrenti la ma semmew raġuni tajba biżżejjed biex twassal lil din il-Qorti tqis jekk għandhiex torbot lill-eżekutanti intimati bl-għoti ta' garanzija kif irid l-imsemmi artikolu u lanqas ma' tressqu l-icken provi lijistghu jikkonvincu l-qorti illi r-rikorrenti ezekutati qeghdin isofru xi danni u/jew spejjes.

**Nieqsa minn dawn il-provi u sajma minn provi li jistghu jwasslu lill-qorti tiddeciedi mod iehor, il-qorti sejra tichad ukoll ir-raba' talba maghmula mir-rikorrenti.**

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi

1. **TASTJENI** milli tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni 1567/2020MH fl-ismijiet premessi fl-atti ta' dan ir-rikors;

2. **TIĊĦAD** it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1567/2020MH fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artiklu 836 subinciz (1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. **TIĊĦAD** it-talba biex ikunu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 836 subinciz (8) u (9) tal-KAP 12 fil-konfront tal-intimati; u

4. **TIĊĦAD** it-talba biex, alternattivament jekk it-talbiet ma jintlaqghux fl-intier taghhom, tordna lill-intimati jaghtu garanzija idoneja fil-ligi sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes u d-danni li qed isofru r-rikrorenti.

Bl-ispejjes ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrenti ezekutati.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**